# Nostalġija



Meta Mons. Ġużeppi Żerafa kien qed jittrasmetti wieħed mill-programmi tiegħu minn fuq stazzjon komunitarju tal-Parroċċa tagħna, ir-"Radju Lauretana", għadda minn moħħi, biex xi darba nipprova niftakar, ħa nsejħilhom hekk, il-punti prinċipali, li kienu jolqtuni fit-Triq Sant' Antnin, meta f'dak iż-żmien din it-Triq kellha l-isem "Strada Nadur". Kien żmien, li bħala student tal-iskola primarja, meta jiena u xi sħabi oħra ta' Class V konna nattendu l-iskola primarja tal-Qala, billi f'Għajnsielem, fiż-żmien li qed insemmi, ma kellniex il-*fifth Class*.

Minn sħabi li konna mmorru l-Qala, billi xi oħrajn kienu jmorru l-iskola tax-Xewkija, niftakar lil Anġlu Gauci tal-Bjanker, lil Loretu Tabone ta' Korun, lil Lwiġi Mejlak taċ-Ċlikk, lil Carmel Grech tas-Surmast u forsi xi oħrajn li ma għadnix niftakarhom.

Mezzi ta' trasport ma kellniex, allura f'bard u fi sħana konna nterrqu minn Għajnsielem għall-Qala u viċiversa għal xi disa' xhur sħaħ u għalhekk żgur ma kienx jonqos li nosservaw dak kollu li kien jidher madwarna biex waqt il-mixi, fix-xitwa fuq iċ-ċaflis, u fis-sajf fuq it-torba, minn Settembru sa Lulju, konna nterrqu minn hawn għall-Qala, u mill-Qala għal Għajnsielem kull filgħodu u fl-4 ta' wara nofsinhar.

Min-naħa ta' fuq Triq Sant' Antnin tibda mill-bidu b'fergħa waħda tieħu lejn il-Qala u l-oħra lejn nofs Għajnsielem. Minn dan il-bidu Triq Sant' Antnin kull naħa kien u għadu kollu rabà; jekk tħares int hu nieżel l-isfel fin-naħa tal-lemin kienu jolqtuk l-irdieden tar-riħ għat tlugħ tal-ilma u jekk tħares lejn ix-xellug bilfors kienet tolqtok is-sienja ta' Korun; u trid jew le żgur kont issammar għajnejk fuq il-ħmara, b'għajnejha mgħottija ddur tond u ddawwar rota kbira b'numru ta' bramel marbuta magħha li kienu jbattlu l-ilma għal ġo ġiebja għat-tisqija. Sa fejn naf jien din kienet l-unika sienja li kellna f' Għajnsielem.

Fejn jibda l-bini fuq il-lemin tat-triq l-ewwel ħaġa li kienet tolqotni żgur kienet dik il-binja kbira mibnija l-ġewwa minn rixtellu tal-ħadid, li 'issa għadna nsejħulha l-Kulleġġ li kien imwaqqaf minn Patri Accursio Xerri, O.F.M., li sfortunatament ftit u xejn irnexxa. F'dik id- dar kien hemm l-amministrazzjoni u l-istudenti nterni li fosthom kien hemm ukoll xi studenti Maltin. Fid-daħla għal din il-binja kienet toqgħod l-għalliema tiegħi ta' *stage one or two*, Miss Loreta Refalo. Ftit l-isfel mid-dar tal-aħwa Refalo kien hemm, u naħseb għad hemm, id-dar ta' Gliex, fejn f'Għajnsielem għammret l-ewwel kommunita' Franġiskana u li minnha ħadu laqamhom, almenu barra mir-raħal, bħala l-Patrijiet ta' Gliex.

Id-dar ta' Gliex għandha xejra speċjali, li kienet, almenu f'dak iż-żmien, magħluqa b'rixtellu tal-ħadid fil-faċċata li fuqha tiddomina statwa żgħira ta' San Pawl, u taħtha rħama bil-*coat of arms* ta' Dun Ġwann Borg li kien kanoniku Malti u xi skrizzjoni fiha.



Fuq in-naħa tax-xellug ta' Triq Sant' Antnin tidher il-veduta sublimi ta' Wied Biljun, it-tela' lejn il-Qala fi Triq Żewwieqa, Kemmuna u parti mix-Xatt. Fuq in-naħa tal-lemin, bla dubju ta' xejn tolqtok il-knisja ta' Sant' Antnin b'faċċata grazzjuża, zuntier arjuż u wkoll l-istatwa dominanti tal-qaddis ta' Padova fuq il-kolonna għolja, u bħala, qisha monument, l-ebda oħra ma tinsab fir-raħal kollu. Pararell ma' din l-istatwa hemm statwa oħra



żgħira, li jekk qed niftakar sew hija ta' San Bonaventura. Iċ-ċentru Antonjan f'dik l-epoka ma kienx hemm.

Issa, jekk inħarsu lejn ix-xellug, l-ewwel li kien jolqotni kien il-ħanut ta' Ġanni Tabone, imlaqqam tal-ġobon, ħu l-ewwel arċipriet tal-parroċċa tagħna li rnexxielu jwassal il-binja tal-knisja l-ġdida sat-tmiem; l-isfel mill-ħanut ta' Ġanni kien hemm il-ħanut tal-Kujus, li wara għadda għal tal-Bandu, iktar l-isfel, ħanut ieħor ta' Ġużepp tal-Borqom, ħanut ieħor tar-Ropa, u jekk mhux ukoll, faċċata tagħhom il-ħanut ta' Musa. Il-fuq f'din il-parti fil-kantuniera kien u għad hemm in-niċċa tan-Nazzarenu fejn darba kien joqgħod Manwel Hili u mbagħad Pawlu Sciortino, Malti minn Ħaż-Żebbuġ, imlaqqam tal-Pitrolju, billi kien imexxi Petrol Station fix-Xatt.

Min ikompli nieżel Triq Sant'Antnin lejn ix-Xatt u jasal kantuniera ma' Triq Hamri żgur li jintlaqat minn dar, ħa nsejħilha tipika, b'kannizzata fil-faċċata tad-dar ta' ċikku Paga. Bħalha ftit jew xejn issib f' Għajnsielem, għajr dik li kien hemm fil-faċċata tad-dar ta' Ġanni Caruana, imlaqqam tal-Lewżu, li kienet tinsab fil-post li jgħaqqad Triq Sant'Antnin ma' Triq Hamri.

Iżjed l-isfel kien hemm l-Uffiċċju Postali u tmiss miegħu l-Grand Hotel tal-Gillieru, li fil- faċċata kellha statwa ta' San Ġużepp, li llum min jaf fejn tinsab u flokha illum tinsab verament l-Grand Hotel moderna. Fil-post li ġa semmejt u li jmiss mal-antika Grand Hotel fil-fond u fuq il-wied, kien hemm il-magna tal-Luminata tal-familja Caruana tal-Lewżu; jekk m'inhiex imqarraq il-familja Caruana imlaqqma tal-Pettla, fil-bidu tat-Tieni Gwerra dinjija kellha hemm ukoll bħala refuġju l-ewwel abitazzjoni f'Għajnsielem.

Ftit l-isfel fuq ix-xellug u fil-fond ikompli l-Wied tas-Simirat jew tal-Mostra. F'dak il-fond fil-gwerra kien tħaffer *shelter* għall-*Pumping Station* li tagħha għad hemm iċ-ċumnija u ma nafx ngħid jekk illum dan ix-xelter għandux xi funzjoni oħra, jew le. Fuq il-lemin kien hemm fih faċċata siġra kbira li l-friegħi tagħha kienu joħonqu anke parti mit-triq, imbagħad id-dar hekk kbira tal-familja Galea stess li maż-żmien saret il-lukanda Royal Lady, li kellha bħala sid is-Sur Carabezz u wara għaddiet għand Ċikku ta' Zerrek li kien miet fil-bieb tagħha: Ma' din id-dar tal-Familja Galea, fejn kienu mbagħad l-imħażen kien hemm il-fabbrika tad-dqiq; li tagħha għadha tidher iċ-ċumnija u wara naħseb li bi ftehim, milli jidher Dun Ġużepp Galea żamm għalih il-binja li kellhom fix-Xatt u l-fabbrika għaddiet għand niesu li bnew oħra fit-tiġrija fir-Rabat.

Ġirien mal-lukanda kienu jinsabu l-maħżen ta' Gelluxa, il-maħżen ta' Pupull, il-ħanut ta' Ċikku tad-Demla mix-Xewkija u li hu, jiġifieri Ċikku kien miet ġo fih, u ma'ġembu Grezzju Xuereb tal-Bej kellu wkoll xi negozju u mbagħad il-binja kienet tispiċċa bil-garaxx ta' Susano u t- Triq Sant'Antnin tispiċċa fin-naħa tal-lemin tal-Wied tal-Mostra quddiem il-funtana mwaqqfa minn Gasper la Merchant.

Nostalġiku

